**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 26 TA' MARZU, 2002**

**Numru: 2**

**Avviz Nru: 266/02 AE**

**Martin Scerri**

**Vs**

**Hank Catania**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' sitt mija u erbgha u tletin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm634.80), danni sofferti f'incident tat-traffiku li sehh fit-13 ta' Settembru 2001 gewwa l-Msida mill-konvenut li kien qieghed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBB 945.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat naqas milli jikkontesta l-kawza u milli jidher ghas-seduti.

Ikkunsidra:

1. Il-kawza titratta dwar incident tat-traffiku li sehh fit-13 ta' Settembru 2001 gewwa l-Msida bejn il-vann Maruti (numru AAP 157) u l-vettura Pajero (numru IBB 945) misjuqa mill-konvenut.

2. Mill-provi li tressqu quddiem it-Tribunal m'hemm l-ebda ombra ta' dubju li l-incident in kwistjoni sehh minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut (xhieda moghtija minn Frans Hili u d-dikjarazzjoni dwar incident tat-Traffiku [Dok. MS1]). Dan huwa kaz ta' *'bumper to bumper'*, fejn il-vettura Pajero baqghet diehla fil-vettura misjuqa minn Frans Hili u propjeta ta' l-attur.

3. B'riferenza ghal quantum tad-danni mitluba, ma saret ebda kontestazzjoni u dawn jirrizultaw pruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi:

1. Jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fit-13 ta' Settembru 2001 gewwa l-Msida.

2. Jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u erbgha u tletin lira Maltija u tmenin centezmu

(Lm634.80) bhala danni, bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**